# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 419/97

Thomas Chircop

vs

Kap Kmandat Forzi Armati ta'

Malta, Il-Ministru tal-Intern.

Illum 15 ta' Novembru, 2001.

It-Tribunal,

**PROVI:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn n-1989 u n-1990 huwa sofra ngustizzja billi, minghajr ebda raguni, gie maqbuz fil-promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz, fis-semplicita taghhom, kienu s-segwenti:

Illi fin-1985 huwa kien gie maghzul u ha l-promozzjoni li kienet misthoqqa lilu pero' din, flimkien mal-promozzjonijiet kollha moghtija dak in-nhar, giet irtirata.

Sussegwentement regghu nghataw il-promozzjonijiet izda b'ghageb kbir ghar-rikorrent huwa gie maqbuz.

Illi dan l-agir kien ta' pregudizzju kbir ghar-rikorrent, ghax kif jirrizulta mid-dokumenti annessi huwa jippossedji rakkomandazzjonijiet tajbin.

Illi dan l-attagjament gab u ser ikompli jgib telf finanzjarju kbir ghar-rikorrenti.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti kien bi hsiebu jgib bi prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti, filwaqt li ghamel referenza ghall-fuq espost u irreserva illi jressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni, talab lil dan it-Tribunal jghogbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-investigazzjoni ta' Ingustizzji, u jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-gratuity ta' surgent li tilef u l-pensjoni ta' surgent u l-beneficcji li promozzjoni simili timmerita, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistghax jinghata, u li jigi ordnat

li jithallas kumpens ghat-telf li sofra minhabba d-diskriminazzjoni li sofra f'ammont ta' Lm 5000.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta u l-Ministru tal-Intern eccepew:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huma ghandhom xi jghidu s-segwenti:

Illi l-Ministru tal-Intern m'huwiex il-legittmu kontradittur ghall-ilment imressaq mir-rikorrent.

Illi l-ilment qieghed jigi mwiegeb mill-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta billi huwa l-kap tad-Dipartiment kkoncernat.

Illi fir-rigward ta' dak li r-rikorrent qed jallega li gara fil-1985 ir-rikors promotur huwa inammessibbli fit-termini ta' l-Artikolu 5 (4) ta' l-Att VIII tal-1997 peress li l-att jew omissjoni allegat mir-rikorrent gara barra miz-zmien stipulat ghall-applikazzjoni ta' l-Att.

Illi oltre l-inammessibilita` msemmija hawn fuq, mir-records medici tar-rikorrent jirrizulta li sa minn qabel il-1988 jigifieri is-sena li kienu qed jigu kkunsidrati individwi ghall-promozzjonijiet, ir-rikorrent ma kienx f'kundizzjoni medika bizzejjed tajba biex seta' jaghmel ix-xoghol kollu mehtieg minnu fis-servizz. Wiehed

ta' min isemmi li meta l-promozzjonijiet gew imhabbra fit-2 ta' Jannar 1989 b'effett mil-11ta' Mejju 1988, ir-rikorrent kien diga ghalaq il-55 sena u kien qieghed fuq l-ewwel estenzjoni ta' sena fis-servizz. Fil-fatt huwa baqa' jitlob estenzjoni tas-servizz tieghu sena sena sa ma ghalaq il-57 sena. Jirrizulta wkoll li meta fl-1988 talab l-ewwel estenzjoni ta' sena fis-servizz huwa ghamel l-ezami mediku fejn gie ccertifikat tajjeb ghax-xoghol izda b'restrizzjonijiet.

Illi meta r-rikorrent kien talab rimedju ghal-ilment tieghu dwar in-nuqqas ta' promozzjoni wara li gew imhabbra l-promozzjonijiet li saru b'effett il-11 ta' Mejju 1988, jirrizulta li r-rikorrent kien kuntent bit-twegiba jew rimedju li tah il-Commanding Officer tieghu ta' dak iz-zmien u ma jirrizultax li talab biex ikompli jressaq l-ilment tieghu quddiem il-Kmandant tal-FAM.

Illi fil-promozzjonijiet li saru b'effett il-11 ta' Mejju 1988 dawk kollha li nghataw promozzjoni u li kienu juniors tar-rikorrent kellhom l-istess seniority date bhal tar-rikorrent. Dawn kollha kienu kkwalifikati aktar mir-rikorrent hlief wiehed li kellu l-istess kwalifiki ta' edukazzjoni u sengha daqs tar-rikorrent.

Illi fuq kollox jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u, stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita' u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif wkoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe' l-

Avviz Legali Nru 91 tal-1970, u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu, ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta; l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita il-gurisdizzjoni tieghu fir-rigward ta' dak allegat li gara barra mit-termini ta' zmien ta' applikazzjoni ta' l-Att, u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li baqa fl-Armata sal-31 ta' Jannar 1997 meta telaq minn jeddu. Fl-1985 kien promoss ghal Surgent minn Bombardier; pero' din l-istess promozzjoni kienet giet irtirata u ghalhekk baqa jiehu l-paga ta' Bombardier.

Sostna li dejjem kellu rakkomandazzjonijiet mill-aqwa mis-superjuri tieghu. Semma l-kwalifiki li kellu.

In kontro-ezami sostna li meta ghalaq il-55 u talab extension tas-servizz tieghu ma kellux ristrictions. Spicca minn ma' l-Armata fil-31 ta' Jannar 1991 u nghata extension ghal tlett darbiet. Sostna li kien jaghmel certu tip ta' xoghol bhal drills, PTIS training etc.

Il-Kurunell Raphael Farrugia xehed li lir-rikorrent dejjem jafu l-Airport u ma kienx jaqa' direttament tahtu. Kien jaghmel xoghol ta' suldat li jkun hemm l-airport - ghassa mal-gate kif ukoll xoghol iehor, xoghol ta' skorti ecc. Jafu bhala bniedem ta' rispett u dejjem ghamel xoghlu, u qatt ma semgha rapporti kontra tieghu. Ir-rikorrent kien average fuq ix-xoghol tieghu - xejn inqas u xejn aktar minn haddiehor. Ftakar li r-rikorrent kellu xi restrizzjonijiet medici perezempju minhabba excused prolonged standing.

Il-Maggur Joseph Saliba semma li r-rikorrent kien jaghmel xoghol ta' bombardier imma meta xi hadd ikun sick kien jaghmel xoghol ta' Surgent - rank oghla minn tieghu. Hu kien kuxjenzjuz hafna u fil-fatt meta kien ikun hemm xi VIP kien jqassam ix-xoghol lir-rikorrent.

Lt. Col Mario Schembri esebixxa l-lista tal-promozzjonijiet li saru b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 mir-rank ta' bumbardier ghal surgent. Isem ir-rikorrent qieghed muri shaded bil-griz f'pagna 3 [fol46] mhux ghax ha promozzjoni imma biex juru postu fis-seniority dak iz-zmien.

Xehed: "Naghmel referenza ghal Dok MS1 diga esebit fil-genb fil-fotokopja ma tantx tidher sew hemm notament tal-brigadier Gaffiero dak iz-zmien kien Commanding Officer ta' l-Ewwel Regiment, notament fuq ix-xellug tad-dokument. Hemm miktub "not recommended see file". Hija l-kitba ta' Gaffiero u skond id-dokumenti hija l-uniku raguni ghaliex Chircop ma giex promoss fl-1988. Jekk wiehed ihares lejn dok MS2 li hija l-lista tal-promozzjonijiet, jara li r-rikorrent qabzuh nies ohrajn bhal Turner li jigi ezatt warajh il-Bumbardier Turner Alfred ezatt fit-tielet pagna ghandu kwalifiki l-istess bhar-rikorrent, l-uniku differenza li ma kienx hemm limitations medici bhal ma kellu r-rikorrent dak iz-zmien."

Dr Robert Galea xehed li f'Lulju ta' l-1987 Chircop kien qed ibati mill-problemi f'ghonqu li minhabba fihom kien qed ikun ezentat minhabba dan kien qed jattendi l-isptar ghall-Physiotherapy. Minhabba fihom ukoll kien qed jigi ezentat milli jaghmel certi affarijiet, bhal waqfien fit-tul, marching, lifting ecc. L-aktar li setghet affetwatu hija li ma setax jaghmel waqfien fit-tul meta kien jahdem fl-airport. F'April 1987 ir-rikorrent kien dahal l-isptar peress li kien qed ibati minn sturdamenti qawwijin. Minhabba dan kien ghamel madwar ghaxar gimghat bis-sick leave. Minhabba dan ukoll wara li dahal ghax-xoghol kien ezentat milli jaghmel l-ghassa ta' bil-lejl. Huwa dahal lura ghax-xoghol f'Lulju 1987 u baqa' ezentat milli jaghmel l-ghassa bil-lejl sa Jannar 1989. Sostna li l-problema t'ghonqu baqghet ma fiqitx, baqghet mieghu sakemm

wasal biex jispicca. Fl-1988 kienet qabditu ansjeta li minhabba fiha kien ghamel xi tlett gimghat bis-sick leave. Minhabba fiha kien inghata wkoll kura specifika. Meta gie ghar-re-engagement wara 55 sena, huwa gie ezentat milli jaghmel certa affarijiet bhal ma huma drills, PT, IS training, parades u night duties. Fil-11 ta' Jannar 1989 huwa wera x-xewqa li jerga jaghmel l-ghasses. Ghar-re engagement ir-rikorrent gie ezaminat fl-1 ta' Gunju 1988.

Fil-fatt meta gie re-engaged kien ezentat milli jaghmel certa xoghol, izda mhux li jaghmel ghasses bil-lejl.

Nghid li fin-1987 kellu artrite f'ghonqu. Dan jigifieri il-gogi ta' bejn l-irkiekel tal-ghonq anke permezz ta' l-eta' jibdew jitmermru xi ftit.  Dan huwa process degenerattiv, u ghalhekk tibda thoss ebbusija fl-ghonq. L-artirte kif diga' ghidt hija xi haga degenerattiva u ghalhekk ma tista' taghmel xejn biex is-sitwazzjoni titjieb, li tista' taghmel li tikkontrolla s-sitwazzjoni. F'Mejju tan-1987 ir-rikorrent kien bis-sick leave.  Dan minhabba li kellu Viral Labirintithis li hija speci ta' infezzjoni wara l-widnejn. Kawza ta' dan ikollu hafna sturdamenti.  Imbaghad f'Gunju tan-1987 kellu l-artrite f'ghonqu. Fil-fatt bejn Mejju u Lulju huwa baqa' bis-sick leave. F'Lulju tan-1987 huwa rega dahal ghax-xoghol, izda kien esentat milli jaghmel l-ghassa bil-lejl, a kawza ta' kumbinazzjoni ta' diversi fatturi li huwa kien qed isofri minnhom.  Ma kinetx l-artrite biss li timpedilu milli jaghmel dan izda anke il-fattur li huwa kien qed ibati mill-isturdamenti. F'Settembru tan-1988 ir-rikorrent kien gie jilmenta u fil-fatt kien

qed isofri minn ansjeta'. Din l-ansjeta' jew depressjoni tista' tkun multifactorial.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-Ministru tal-Intern hi li l-Ministru tal-Intern m'huwiex il-legittmu kontradittur ghall-ilment imressaq mir-rikorrent. Dwar din l-eccezzjoni it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza tieghu tad-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici:

"Illi r-rikors odjern huwa dirett kontra d-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici. Ikkunsidra li certament id-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici ma hux il-legittimu kontradittur. Infatti l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Ghalhekk certament il-kawza missa giet istitwita biss kontra d-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici. Jekk id-Direttur mhux parti fil-kawza kif jista' jkun hemm sentenza fil-konfront tieghu! [ara wkoll Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta' Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn."

L-istess japplika ghall-kaz in ezami. Il-kawza missa giet istitwita biss fil-konfront tal-Kap Kmandant Forzi Armati ta' Malta, u zgur

mhux kontra l-Ministru tal-Intern. Ghalhekk jilqa' din l-eccezzjoni u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Sekondarjament l-intimat eccepixxa li dwar dak li r-rikorrent qed jallega li gara fil-1985 ir-rikors promotur huwa inammessibbli fit-termini ta' l-Artikolu 5 (4) ta' l-Att VIII tal-1997 peress li l-att jew omissjoni allegat mir-rikorrent gara barra miz-zmien stipulat ghall-applikazzjoni ta' l-Att, din hi cara biz-zejjed. Infatti l-artikolu **5.** (4) jghid:

"Dan l-Att ma ghandu jkun japplika ghal ebda att jew omissjoni li jkunu graw qabel id-9 ta' Mejju, 1987 jew wara l-15 ta' Mejju, 1995."

Ghalhekk hu ovvju li dak li gara fl-1985 ma hux sindakabbli mit-Tribunal. Ghalhekk jilqa' wkoll din l-eccezzjoni.

L-eccezzjonijiet l-ohra jirreferixxu ghall-mertu tal-promozzjoni ossija nuqqas taghha tal-1988 biex ir-rikorrent isir Surgent.

- Mill-iskeda esebita a fol 46 jirrizulta li 26 qabzu lir-rikorrent;
- Jirrizulta li r-rikorrent kellu 3rd Class Army Certificate of Education u zewg trades B3;
- Jirrizulta li minn dawk li qabzu lir-rikorrent 13 kellhom 1st Class ACE;
- Jirrizulta li minn dawk li qabzu lir-rikorrent 8 kellhom 2nd Class ACE;
- Li hadd minn dawk li qabez lir-rikorrent ma kellux ghall-anqas 3rd Class ACE;

-  Minn dawk il-hamsa li kellhom 3rd Class ACE, dwar trades 4 kienu superjuri u wiehed bhar-rikorrent;
-  Dak li kien bhar-rikorrent kellu l-istess date of sub rank waqt li r-rikorrent kellu data precedenti bhala Service Counts from.

Issa din tista' fil-kaz in ezami tammonta ghal ingustizzja kif definita fl-Att VIII tal-1997? L-intimat ta zewg ragunijiet ghaliex ir-rikorrent inqabez u cioe:

- ♦ Iz-zmien tar-rikorrent kien ghadda u kien qieghed fl-Armata minhabba estensjonijiet;
- ♦ Li r-rikorrent kellu problemi ta' sahha.

Issa mid-deposizzjonijiet riprodotti hawn fuq dawn jirrizultaw. Fil-fehma tat-Tribunal dan il-kaz ma jammontax ghal ingustizzja ghalkemm ir-ragunijiet iridu jittiehdu in kunsiderazzjoni fil-kap tal-ispejjez. Ghal dawn il-motivi, jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.